# KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ

## AGENDA NUMRU 2 – 11 ta' Mejju 2015

***Minuti tat-2 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 2. Il-laqgha bdiet fis-6:35 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Alfred Grixti** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Skużat:** | **Hadd** |


***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

| | | |
|---|---|---|
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| | **Dr. Massimo Ellul** | Konsulent |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

1. **Festa 2015**

**Attivita fi Triq Giovanni Pullicino**

Is-Sindku qalet li bhal ma gara s-sena li ghaddiet, saret talba mill-Kazin Banda San Filep, sabiex terga ssir l-Wirja kbira ta' Nar tal-Kulur lejliet il-festa 13 ta' Gunju 2015, mid-9:30pm 'il quddiem.

Sadanittant inqrat l-ittra li giet mibghuta mis-Segretarju tal-Kazin Banda San Filep. Sadanittant is-Segretarju tal-Kunsill gab ghall-attenzjoni l-kundizzjonijiet li gew mposti s-sena li ghaddiet mill-Kunsill Lokali.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li din it-talba ghandha tigi accettata. Fl-istess waqt , jekk ikun hemm talba mill-Kazini l-ohra, din ghandha tintlaqa'. Ghaldaqstant jekk il-Kazin Banda 12th May jaghmel talba simili, din ghandha tintlaqa'.

Sadanittant il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-4 toilets mitluba minn din l-Ghaqda, ghandhom jigu mhallsa mill-Kunsill Lokali sabiex dawn l-ghaqdiet jigu nkoragguti jaghmlu dawn l-attivitajiet.

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Sadanittant il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, qalet li fl-imsemmija triq hemm nicca mzejna bil-pots tal-qsari. Sabiex din l-attivita tkun tista tittella mill-Ghaqda Kazin Banda San Filep, jehtieg li dawn il-qsari jigu mnehhija mir-residenti li hadet din l-inizjattiva. Ghaldaqstant gie maqbul li ghandha tinkiteb ittra lil din ir-residenta sabiex jitnehhew ghal din l-okkazjoni.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ippropona li *ghat-talba li ghamlu l-Kazin Banda San Filep, il-Kunsill Lokali ghandu jilqa' l-imsemmija talba bl-istess kundizzjonijiet bhas-sena ta' qabel, hlief ghall-mobile toilets li ghandhom jithallsu mil-Kunsill. F'kaz li jkun hemm talbiet simili mill-Kazin Banda 12$^{th}$ May u mill-Kazin Banda San Guzepp, dawn ghandhom jigu kkunsidrati u milqugha.*

Il-Kunsillier Philip Said issekonda din il-mozzjoni.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Agius, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (1)

## **Earth Electrodes**

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Sarah Agius tat spjegazzjoni dwar il-bzonn li jigu nstallati earth electrodes mill-Kunsill Lokali. Wahda mill-kundizzjonijiet mposti mill-Enemalta u li bdew jigu nfurzati mis-sena li ghaddiet, hija li sabiex l-Enemalta taghti temporary supply lil tal-kiosks tal-festa, dawn ghandhom iqabbdu ma' earth electrode. Dawn l-earth electrodes, sabiex isiru, iridu jsiru minn kuntrattur rikonoxxut mit-Transport Malta. Dawn l-earth electrodes ser isiru mill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Ghaldaqstant ingabru tlett kwotazzjonijiet :

| | |
|---|---|
| J. Cardona – | Earth electrode three phase – Eur 105 |
| | Earth electrode single phase – Eur 60 |
| Renell - | Earth electrode three phase – Eur 60 |
| | Earth electrode single phase – Eur 50 |
| AB Installations | Earth Electrode three phase – Eur 85 |
| | Earth Electrode single phase – Eur 60 |

Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal f'laqgha li kienet saret is-sena li ghaddiet mal-AKL, dan il-punt kien tqajjem u kien gie deciz li sabiex ma jitrabbiex gust fuq iz-zona fejn jarma l-kiosk mis-sid tal-kiosk stess, dawn l-earth electrodes ghandhom isiru b'inizjattiva tal-Kunsill sabiex ikunu proprjeta' tal-istess Kunsill.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li ghandu jintaghzel l-irhas prezz, f'dan il-kaz Renell.

Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Agius, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (2).

Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-kuntrattur li ntaghzel ghandu jigi mgharraf minnufih, sabiex ix-xoghol jibda kemm jista jkun malajr.

Sadanittant is-Sindku Sarah Agius ghamlet referenza ghall-ittra li ntbaghtet minn Mary Muscat mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, liema ittra taghti nformazzjoni cara li l-Kunsill ghandu dritt 'jitlob re-imbursement mill-hawkers galadarba d-decizjoni tigi approvata mill-Kunsill.'

Is-Sindku Sarah Agius qalet li hija minn naha taghha ser tikteb ittra lill-Onorevoli Owen Bonnici sabiex tinfurmah bid-decizjoni li kien ser jiehu l-Kunsill.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ghandu jsir ftehim mal-Enemalta sabiex kull permess tal-elettriku temporanju li jinghata, ghandu jinghata b'kundizzjonijiet uniformi u bla ebda distinzjoni hlief skont il-kundizzjonijiet mposti mill-istess Kunsill. Il-Kunsill ghandu jilhaq ftehim mal-Enemalta sabiex jintbaghat inspector sabiex jiccertifika li filfatt saret "connection" mal-earth electrode. Dawk il-bejjiegha li juzaw generators ghandhom ikollhom il-protezzjoni tal-earth electrode minhabba li generator jiggenera l-istess elettriku li jiggenera main.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li minn din is-sena, sidien ta' stands/ jew kjosks ghandhom ihallsu dawn l-ammonti sabiex jaghmlu uzu minn dawn l-earth electrodes.

**Stands tat-Toys** – Eur50 – mill-Hadd tal-hrug minn nicca sal-Hadd tal-festa

**Kjosks tal-Ikel u Xorb/ Gelati u Xorb**

Kjosks sa’ 14-il pied –

- il-Gimgha, Sibt u Hadd – Eur50
- l-Erbgha, il-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd – Eur75
- mill-Hadd tal-hrug minn nicca sal-Hadd tal-festa – Eur100

Kjosks minn 15 sa 30 pied -

- il-Gimgha, Sibt u Hadd – Eur100
- l-Erbgha, il-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd – Eur150
- mill-Hadd tal-hrug minn nicca sal-Hadd tal-festa – Eur200

Kjosks ‘il fuq minn 30 pied –

- il-Gimgha, Sibt u Hadd – Eur200
- l-Erbgha, il-Hamis, il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd – Eur300
- mill-Hadd tal-hrug minn nicca sal-Hadd tal-festa – Eur400

Stands tal-qubbajt u doughnuts – Xejn

Din il-mozzjoni giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Agius, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (3).

<u>Armar tal-Monti fil-weekend tal-Festa San Filep 2015</u>

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li s-sena li ghaddiet il-Monti ma kienx thalla jarma il-Gimgha u s-Sibt tal-festa. Huwa fil-pozizzjoni li kellu dakinhar ta' Sindku tal-lokal, hadha personalment fuqu u kien iddecieda li sabiex jitnehha l-periklu u l-inkonvenjent li setgha jinholoq lil dawk li jkunu qeghdin jarmaw ghall-festa. Huwa qal li kien hemm bosta tgergir mill-bejjiegha li ma setghux jarmaw.

Ghaldaqstant id-Sindku Sarah Agius qalet li jehtieg li dawn il-bejjiegha jarmaw fi granet differenti sabiex ma jkunx hemm telfien mill-qliegh.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li fil-gimgha tal-festa ta' San Filep, il-monti ma jarmax il-Gimgha u s-Sibt.

- Minflok izda dawk il-bejjiegha tal-Monti li jarmaw:

  Il-Gimgha 12 ta' Gunju 2015 – ghandhom jarmaw it-Tnejn 8 ta' Gunju 2015

  Is-Sibt 13 ta' Gunju 2015 – ghandhom jarmaw l-Erbgha 10 ta' Gunju 2015

- Dawk li ser jarmaw it-Tnejn 8 ta' Gunju 2015 ghandhom izommu il-post li jarmaw fih nhar ta' Erbgha.



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

- Dawk il-bejjiegha li s-soltu jarmaw nhar ta' Erbgha ghandhom izommu posthom. Dawk li ser jarmaw l-Erbgha 10 ta' Gunju 2015, minflok is-Sibt 13 ta' Gunju 2015, ghandhom jarmaw "on first come, first served basis" wara li jinghataw prijorita dawk li jarmaw is-soltu nhar t'Erbgha.

Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Agius, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (4).

**<u>Armar ta' Mwejjed u Siggijiet mill-Kazini u Bars</u>**

Is-Sindku Sarah Agius qalet dawk li jkunu qeghdin jarmaw in-nar specjalment bejn il-lejl tal-Gimgha u s-Sibt qeghdin isibuha difficli sabiex jghaddu bil-makkinarju.

Ghaldaqstant is-Sindku Sarah Agius pproponiet li ghandha tizdied kundizzjoni li sa siegha wara li jispicca n-nar, is-siggijiet u l-imwejjed ghandhom jigu mcaqalqa. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Agius, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (5).

**Tindif**

Il-kuntrattur Philip Seguna pprezenta stima ta' Eur500 sabiex inaddaf il-pjazza u z-zuntier matul il-gimgha tal-festa, filwaqt li jinghata hasla kullimkien wara li jinqala l-armar kollu tal-festa. Kien hemm qbil li din l-istima tigi approvata.

## 2. Management Letter dwar l-Audited Financial Statements 2014

Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-Kunsill kien ircieva l-management letter mill-Awdituri tal-Kunsill Nexia Bt. Hija pproponiet li l-Kunsilliera kollha li xtaqu jaqraw din l-ittra setghu jaghmlu hekk mill-ufficju tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jibghat ir-risposta fil-hin mitlub.

## 3. Xiri ta' airconditioners

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li bix-xieraq li s-Sindku jkollha airconditioner fl-ufficju taghha.

Is-Sindku Sarah Agius pprezentat stimi li ngabru ghax-xiri tal-airconditioner 24BTU li kienu ngabru.

Sadanittant il-Kunsilliera kollha prezenti qablu li ghandhom jintalbu stimi ghal zewg air-conditioners (ta' 12BTU u 24BTU) u li ghandha tintaghzel l-aktar offerta vantaggjuza, sabiex l-installazzjoni mill-aktar fis, minhabba li diehel l-istagun tas-Sajf.

## 4. Arbitragg A3526/2013

Is-Segretarju Ezekuttiv, spjega li dik il-gimgha irceviet notifika li ser ikun hemm seduta t' arbitragg li jidher li giet registrata fl-2013. Dwar dan l-arbitragg partikolari, ma inghatat l-ebda nformazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv li kien iservi dak iz-zmien. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku Sarah Agius talbu informazzjoni mic-Centru tal-Arbitragg minhabba li lanqas nformazzjoni dwar l-incident partikolari ma kienu rcevew.

Il-Vici–Sindku Alfred Grixti saqsa dwar x'hiex kien dan il-kaz minhabba li hu qatt ma kien rcieva nformazzjoni dwaru mill-ex Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li diga kienet saret seduta fid-9 ta' Jannar 2014, u li milli jidher lanqas kien inkarigat Avukat sabiex jibghat ir-risposta ufficjali f'isem il-Kunsill Lokali.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina ippropona li l-Kunsill ghandu jqabbad lil Dr. Anna Mallia sabiex tiddefendi l-interessi ta' l-Kunsill f' dan il-kaz. F'kaz li din ma tkunx tista, is-Segretarju ghandu jdur fuq l-avukati l-ohrajn li jservu gewwa Haz-Zebbug.

## Community Service Order

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni korrispondenza li rceviet minghand il-parole officer Deborah Farrugia, sabiex il-Kunsill jibda jghin lil persuna partikolari li nghatat community service order, billitoffri servizz klerikali ghal tlett sieghat fil-gimgha ghas-sentejn li gejjin. Il-Kunsilliera qablu li is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jaraw x'inhu l-

ahjar ghall-Kunsill u ghaldaqstant ghandhom jiddeciedu flimkien jekk jaccettawx din it-talba.

**Facebook Page**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li qed tinkariga lill-Kunsilliera Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo sabiex iwaqqfu *facebook page* u fl-istess hin ikunu l-admins ta' din il-pagna. Il-Kunsill Lokali jirrisserva d-dritt li jimmodera u janalizza x'ikun qed jinkiteb.

**Att Vandalu mal-Vettura tal-Kunsillier Roderick Aquilina**

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li hu u l-kumplament tal-Kunsilliera juru solidarjeta' mal-Kunsillier Roderick Aquilina ghall-hsara li sofra meta xi hadd wettaq att vandalu fuq il-vettura tieghu.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina apprezza dan il-gest u rringrazzja lill-Kunsilliera ghas-solidarjeta li ntweriet mieghu.

**Publikazzjoni ta' Ktieb Citta Rohan 2012-2015**

Il-Kunsillier George Cortis saqsa dwar dan il-ktieb li gie ppublikat mill-Kunsill. Huwa saqsa kemm gie jiswa u kif kien ser jithallas.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dan il-ktieb gie jiswa Eur10,000, liema ammont diga gie mghoti minn Gap Ltd., f' hames cekkijiet *postdated* ta' Eur2000-il wiehed.

**Dwal De Rohan Gate**

Il-Kunsillier Philip Said ressaq ilment dwar id-dawl tal-*floodlights* ta' De Rohan Gate.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li De Rohan Gate hija proprjeta tal-Knisja u li fi tlett okkazjonijiet differenti meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' Haz-Zebbug,huwa

tkellem mal-Arcipriet dwar il-possibilita li dan il-mafkar jinghadda lill-Kunsill. Dawn it-tlett okkazjonijiet kienu:

1.L-Arcipriet kien ghamel talba sabiex jitrangaw id-dwal tal-Bieb il-Gdid. Is-Sindku ta' dak iz-zmien, meta gie mitlub din l-ghotja, qal li l-ligi ma tippermettix li tinghata donazzjoni. Alfred Grixti kien ghaldaqstant talab li "jinkera" l-Bieb il-Gdid, u bil-flus li jithallsu jkun jista jitranga id-dawl.

2. Fis-Sajf 2011, l-OPM gibed l-attenzjoni lill-Kunsill dwar il-fatt li Bieb de Rohan huwa mudlam. Meta saret talba informali mill-ex-Sindku, ghal darb'ohra r-risposta li nghatat kienet li dan il-mafkar huwa proprjeta tal-Knisja.

3. Meta gie l-Arcisqof, intqal li jehtieg li jsir ftehim dwar il-Bieb il-Gdid, minhabba li kienu gabru il-flus ghalih iz-Zebbugin.

Sadanittant is-Sindku Sarah Agius qalet li kienet giet ghall-attenzjoni taghha nformazzjoni dwar Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storici.

**<u>Xiri ta' Siggu</u>**

Il-Kunsillier George Cortis ppropona li ghandu jinxtara siggu aktar komdu sabiex jaghmel uzu minnu l-Kunsillier Kevin Glynn. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti sekondah u qal li ser jaghmel l-esseri tieghu sabiex dan is-siggu jigi ssusidjat mill-FSWS.

## 5. <u>Aggornament</u>

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut***, *Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Sarah Agius aggornat il-laqgha ghal nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2015 fis-6:30pm.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*